**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 17 ta' Gunju, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**

**-vs-**

**Dahmo Ademovic detenur tal-Karta tal-Identita` numru 559112L**

**Kumpilazzjoni Nru. 820/2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Dahmo Ademovic u ċioè talli:

> Nhar is-26 ta' Lulju, 2012 ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu, gewwa Triq Tul il-Kosta, limiti tan-Naxxar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti waqt li kien qed issuq il-vettura tal-ghamla Volkswagen tip Golf, bin-numru ta' registrazzjoni CLU 500-

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' Joseph Vella;
2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Vella;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi, involontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli li jammonta għal aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), għad-detriment ta' Joseph Vella;
4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni CLU500 b'manjiera traskurata, u perikoluża;
5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi saq vettura meta ma kellux il-licenzja tas-sewqan valida.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-4 ta' Dicembru, 2013.[1]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat-

Illi dan il-kaz jittratta incident stradali fuq il-Coast Road fejn Joseph Vella korra gravi izda sussegwentement tilef hajtu wara li l-vetturi misjuqa minn Vella (Mercedes bin-numru BBA 658) u mill-imputat (CLU 500 registrata fuq l-imputat),[2] kienu qed jinstaqu f'direzzjoni opposta.

Dr Clive Gauci[3] jixhed li Vella kien sofra minn ksur tal-ewwel kustilja u tal-pelvis kif ukoll kellhu lacerazzjoni ta' 2cm fuq ix-xellug ta' rasu. In-nurse Maria Bugeja tiddeskrivi kif meta wasslu fuq il-post tal-incident sabu lil Vella bilqeghda fuq cint izomm rasu, fejn qallhom li ma setghax jiftakar x'kien gara. Ghalkemm deher li kellhu nifs tajjeb ghax kien qed jitkellem Vella gie immobilized sabiex jigi assikurat li ma kellhux ksir f'ghonqu.[4]

Dr Thomas Azzopardi ddikjara li wara li kien inghata l-kura ghall-injuries li garrab, Vella kien zvillupa pulmonary embolism li rrizultat fil-mewt tieghu.[5] Jispjega *"Minkejja l-prekawzjonijiet li ahna niehdu minhabba riskji ta' ksur*

---

[1] Fol.169
[2] Fol.77, 79
[3] Fol.39
[4] Fol.43
[5] Fol.32

*zid maghhom riskji ta' l-immobilita` minkejja li konna naghtu profilassi ghal kontra trombosi dan is-sinjur wara perjodu ta' zmien ..tah pulmonary embolism, arrestja u miet. ...l-kagun tal-mewt tieghu kienu konsegwenza diretta tal-ksur li kellu , li ovvjament kienu jirrikjedu tip ta' kura li kienet tikkonstribwixxi wkoll ghar-riskju ta' pulmonary embolus imma l-kagun anke keiku ma hax kura t-tip ta' injury li kellu u l-complication taghha hija pulmonary embolus."*[6]

Il-hsarat fuq il-vettura Mercedes BBA 658 ammontaw ghal €1,733.21 izda peress li il-*pre-accident value* taghha kien vicin il-€1500, giet dikjarata total loss, beyond economic repair.[7]

Illi l-prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli ggib provi sabiex tissostanzja l-akkuzi, partikolarment dik li jinhatar espert bil-ghan li jistabilixxi kif sehh l-incident **u dan minkejja li nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali kif ukoll rinviji precedenti kienu ilhom jindikaw bic-cjar li tali prova kienet indispensabbli**. L-akkuzi serjissimi ta' omicidju involuntraju kienu jimmeritaw li tali prova ssir sa mill-bidu nett tal-proceduri li nbdew inqas minn hmistax wara li sehh l-incident, u fi kwalunkwe mod definittivament meta hekk kien rikjest mil-Avukat Generali. Jekk mewt ta' bniedem ma timmeritax li jsir kull tentattiv sabiex jigu maghrufa l-fatti dwar kif sehhet dik il-mewt, sabiex issir maghrufa il-verita` permezz tal-process gudizzjarju, difficli wiehed jiddetermina meta dan ghandu jsehh! Dwar dan in-nuqqas inspjegabbli ta' mankanza totali ta' provi sabiex tigi sostanzjata imqarr l-icken akkuza, il-Qorti ser tkun ferm kawta fil-kummenti taghha.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat mil-akkuzi kollha migjuba kontrih u dan peress li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[6] Fol.87

[7] Fol.89 et seq. Vide ukoll xhieda ta' Johan Triganza fol.124 et seq.